MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 12/2008

Concetta Vella, Virgilio sive Gino Vella, Martina Zerafa f'isimha proprju u ghan-nom ta' ohtha Pawla Mercieca u John Vella

Vs

Mariosa Portelli, Anthony Vella, Lino Vella, Loreto sive Lorry Vella

Il-Qorti,

**Immissjoni fil-pussess ta' legat - Werriet – Kondizzjoni – Artikolu 710 tal-Kodici Civili (Kap. 16).**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-5 ta' Frar 2008 li biha l-atturi ppremettew li:-

L-attrici Concetta Vella hi armla ta' Giovanni Vella li miet nhar is-26 ta' Dicembru 2006.

Giovanni Vella rregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta’ testment unica charta li sar fis-7 ta’ April 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani.

Permezz tat-tieni artikolu tat-testment halla legat lil martu Concetta Vella

Wara l-mewt ta’ zewgha l-attrici talbet lil uliedha sabiex jimmettuha fil-pussess tal-legat. Kienu biss l-atturi John Vella, Virgilio sive Gino Vella, Martina Zerafa, u Pawla Mercieca li accettaw li jimmettu lill-ommhom fil-pussess tal-legat. Min-naha l-ohra l-konvenuti Mariosa Portelli, Anthony Vella, Lino Vella u Loreto sive Lorry Vella ghal bidu qablu izda wara bdew igibu skuzi u jirrifjutaw li jimmettu lill-ommhom fil-pussess tal-legat.

L-attrici trid li ssir l-immissjoni fil-pussess u ghalhekk talbet li l-Qorti:-

1. Tordna lill-konvenuti sabiex flimkien mal-atturi l-ohra, bhala eredi ta’ missierhom Giovanni Vella, jiffirmaw l-att relattiv ta’ immissjoni fil-pussess li permezz tieghu l-attrici Concetta Vella tigi immessa fil-pussess tal-legat imholli favur taghha permezz tat-Tieni Artikolu tat-testment ta’ zewgha.
2. Tiffissa data hin u lok sabiex fih jigi pubblikat l-att ta’ immissjoni fil-pussess permezz ta’ nutar li jigi nominat ghal dan l-iskop.
3. Tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq dan l-istess att.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-6 ta’ Marzu 2008 (fol. 21) li biha l-konvenuti eccepew li:

1. Min qieghed jaghmel il-kawza jrid jippreciza jekk din saritx minn Concetta Vella wahdedha jew ukoll minn Virgilio Vella u Martin Zerafa, Pawla Mercieca u John Vella.
2. Ladarba jigi precizat min ezattament ghamel il-kawza, il-konvenuti jkunu jistghu jressqu eccezzjonijiet ulterjuri oltre dawk li qeghdin jinghataw.

3. Fir-rigward ta’ Lino Vella l-kawza saret intempestivament ghaliex skond it-tielet artikolu tat-testment unica charta ta’ John u Concetta konjugi Vella tas-7 ta’ April 2006, in-nomina ta’ Lino Vella bhala wiehed mill-werrieta ta’ missieru hi soggetta ghal kondizzjoni, cjoe’ l-mod kif tigi deciza kawza pendenti fil-Qorti dwar id-dritt ta’ okkupazzjoni ta’ ristorant bl-isem Sea View Restaurant, Imgarr, Ghawdex. Ghalhekk Lino Vella ma jista’ jigi mgieghel jaghmel l-ebda att ta’ eredi qabel ma tavvera ruhha dik il-kondizzjoni sospensiva, izda anke id-dritt tieghu illi jaghzel jekk jaccettax il-wirt ta’ missieru minghajr ebda rizerva, jew jekk jaccettax il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, jew jekk jirrinunzjax ghall-wirt u minflok jitlob il-hlas tas-sehem rizervat.
4. Illi wkoll fil-konfront tat-tlett konvenuti l-ohra din il-kawza saret intempestivament in kwantu ghadhom ma ddecidewx jekk jaccettawx il-wirt ta’ missierhom minghajr ebda rizerva, jekk jaccettawx il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, jew addirittura jekk jirrinunzjawx ghall-wirt u minflok jitolbu hlas tal-porzjon rizervata lilhom fuq il-wirt ta’ missierhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-attrici Concetta Vella (omm il-kontendenti l-ohra) qeghda titlob li tigi immessa fil-pussess tal-legat imholli lilha minn zewgha Giovanni Vella li miet fis-26 ta’ Dicembru 2006. Fil-fatt permezz ta’ testment unica charta li ghamel Giovanni Vella fis-7 ta’ April 2006 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani, ipprovda fit-Tieni Artikolu:-

*“It-testatur jhalli b’titolu ta’ legat a favur ta’ martu Concetta Vella: (a) l-uzufrutt general ital-beni tieghu kollha mobbli u immobili, prezenti u future u dana bl-ezenzjoni mill-obbligu*

*tal-formazzjoni ta' l-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni altrimenti disposti mil-Ligi, bil-fakolta' li f'kaz ta' bzonn u wara li tezawrixxi hwejjigha tkun tista' tbiegh, tipoteka u b'kull mod taljena l-beni tat-testatur u dan minghajr il-kunsens ta' l-eredi hawn taht nominati u minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti kompetenti; (b) il-proprjeta' assoluta tad-drittijiet kollha spettanti lilu fuq taxi bil-permess relattiv taghha bin-numru "G mitejn u disa' u tletin (G239)"; (c) il-proprjeta' assoluta tal-flus kollha li jkun jippossjedi fl-epoka ta' mewtu kemm dawk in moneta kontanti kif ukoll dawk depozitati f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji ohra; (d) il-proprjeta' assoluta ta' ottav (1/8) indiviz mill-art retrostanti r-residenza tieghu fin-numru tnejn u sittin (62), Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex"* (fol. 10).

Il-werrieta universali ta' Giovanni Vella huma wliedu kollha, b'dan li fir-rigward il-konvenut Lino Vella t-testatur iddikjara (Tielet Artikolu) li f'kaz li l-kawza pendenti bejnu u ibnu Lino Vella[1] jkollha ezitu kontra tieghu, ***"……l-imsemmi ibnu Lino Vella jitlef kull beneficcju imholli lilu b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss is-sehem rizervat skond il-Ligi."*** (fol. 11).

Hu maghruf li *"la proprieta' libera del legato appartiene al legatario dal di della morte del testatore, egli e' parificato ai creditori della eredita'……"* (**Nobile Elena Mallia Tabone vs Maria Teresa Segon ed altri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1911 – Vol. XXI.ii.324). Fil-kawza fl-ismijiet inghad: **Ir-Reverendu Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fl-14 ta' Ottubru 2004: *"Sakemm ma jottjeniex minghand l-eredi (jew l-ezekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju ma jistghax jiehu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt tieghu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa' dritt incert u suggett ghall-*

[1] Mill-affidavit li ghamel Lino Vella jirrizulta li l-kawza hi **John Vella vs Lino Vella** (Cit. numru 74/2004PC).
[2] Imhallef Tonio Mallia.

*kontestazzjoni sakemm ma jigix immiss filpussess (ara Laurent "Diritto Civili", Vol. XIV para. 21 et seq).".*

2. Permezz tar-raba' eccezzjoni l-konvenuti Mariosa Portelli, Anthony Vella u Lino Vella ddikjaraw li fil-konfront taghhom *"…. din il-kawza giet intentata intempestivament ghaliex l-eccipjenti ghadhom ma iddecidewx jekk jaccettawx il-wirt ta' missierhom minghajr ebda rizerva; jew jekk jaccettawx il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju jew addirittura jekk jirrinunzjawx ghall-wirt u minflok jitolbu il-hlas tal-legittima ossia tal-porzjoni rizervata lilhom fuq il-wirt ta' missierhom"* (fol. 22). Pero' mill-verbal li sar fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2008 jirrizulta li llum dawn il-konvenuti accettaw il-wirt ta' missierhom u huma disposti li jimmettu lill-attrici (ommhom) fil-pussess tal-legat imholli lilha minn zewgha Giovanni Vella. Li l-imsemmija konvenuti kienu accettaw il-wirt ta' Giovanni Vella jirrizulta wkoll:-

(a) minn qari tal-affidavit li ghamlet Mariosa Portelli u x-xhieda li tat in kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2008 meta qalet: *"Jiena min-naha tieghi m'ghandi l-ebda intenzjoni li ncahhad lil mama tieghi mil-legat illi thalla lilha mill-papa' fit-testment illi ghamel, pero' jiena li ppretendejt hu illi ma nircevix dokumenti u ittri bl-avukati u jsiru hafna spejjez bhala bzonn."*.

(b) Mill-ittri legali li ntbaghatu mill-konvenuti lill-attrici. F'dan is-sens hi l-ittra datata 29 ta' Novembru 2007 fejn jinghad: *"Permezz tal-prezenti ninfurmak illi l-mittenti lesti illi jiffirmaw d-dokumenti mehtiega ghall-immissjoni fil-pussess tieghek fir-rigward tad-depoziti bankarji kollha ta' missierhom. Pero dan huma lesti jaghmluh wara li jigu nfurmati dwar xi flus hemm fil-banek relattivi."* (fol. 29). Din l-ittra intbaghatet bi twegiba ghall-ittra legali datata 19 ta' Novembru 2007 mibghuta mid-difensur tal-attrici fejn biha nterpella lill-konvenuti sabiex *"….immedjatament tiffirmaw l-immissjoni fil-pussess ta' dan il-legat imholli lill-ommkom, sabiex ommkom tkun tista' tgawdi dawk il-flus li hallielha missierkom."* (fol. 28). F'ittra legali ohra datata 17 ta' Jannar 2008 u mibghuta ghan-nom tal-konvenuti jinghad li

l-konvenuti kienu disposti li jiffirmaw *"…biss ghad-depoziti bankarji li hemm f'banek lokali biss u mhux ghal 'kwalunkwe depoziti bankarji li huwa (missierhom) kellu'"* (fol. 33). Ovvjament dawn l-ittri ntbaghatu mid-difensur tal-konvenuti fil-vesti ta' werrieta ta' missierhom.

(c) Min-nota prezentata minn dawn il-konvenuti fit-18 ta' Gunju 2008 li biha ddikjaraw: *"….illi huma jinsistu li **qatt ma oggezzjonaw milli jimmittu fil-pussess il-legat lil ommhom**, Concetta Vella fil-pussess ta' dak li hemm imsemmi fil-legat u dan jixtiequ jirrelevawh qabel is-sentenza tal-kawza odjerna u jekk ikun il-kaz **huma disposti li jaghmlu dan qabel tinghata l-istess sentenza**."*.

3. Fir-rigward tal-konvenut Lino Vella qieghed isostni li mit-Tielet Artikolu tat-testment li ghamel missieru *"…. Jiena ufficjalment ghadni miniex werriet ta' missieri. Dan ghaliex minn kif sar it-testment kollox jiddependi fuq il-fatt jekk il-kawza in kwistjoni tintrebahx jew le"* (fol. 39). Ghalhekk it-tezi ta' Lino Vella hi fis-sens li id-disposizzjoni li biha gie istitwit eredi ghadha bla effett. Ghalkemm jirrizulta li Lino Vella gie nominat bhala wiehed mill-werrieta ta' Giovanni Vella, minn qari tat-Tielet Artikolu hu evidenti li t-testaur ried li ibnu Lino Vella jkun werriet **biss** fl-eventwalita' li l-kawza tinqata' favur Giovanni Vella (illum l-eredi tieghu). Jidher ghalhekk li l-istituzzjoni ta' Lino Vella bhala werriet saret-

**i. Taht kondizzjoni li tiddependi minn grajja mhix zgura**, fis-sens li John Vella (illum rapprezentat mill-werrieta tieghu) johrog rebbieh fil-kawza fl-ismijiet **John Vella vs Lino Vella** (Cit. numru 74/2004PC);

**ii. Bil-hsieb min-naha tat-testatur li d-disposizzjoni** (cjoe' l-istituzzjoni ta' Lino Vella bhala werriet) **m'ghandhiex tiswa hlief fil-kaz li John Vella** (illum rapprezentat mill-werrieta tieghu) **johrog tellief fil-kawza msemmija**. Tant dan hu minnu li s-Seba' Artikolu (dak fejn Lino Vella gie nominat bhala wiehed mill-werrieta) jibda bil-kliem ***"Salv kif fuq dispost"*** (fol. 12).

Fil-fehma tal-Qorti l-konkluzjoni ghandha tkun li d-disposizzjoni fit-testment li biha Lino Vella gie istitwit bhala wiehed mill-werrieta **tibqa' bla effett** sakemm issehh il-grajja hawn fuq imsemmi. Minn qari tat-Tielet u s-Seba' Artikolu tat-testment il-Qorti ma tistax tasal biex tinterpreta li r-rieda tat-testatur kienet li diment li ghadha pendenti l-kawza fl-ismijiet **John Vella vs Lino Vella** (Cit. numru 74/2004PC) kellha tidhol fis-sehh id-disposizzjoni tat-testment li biha Lino Vella gie nominat bhala wiehed mill-werrieta ta' John Vella. Tant it-testatur ried li ibnu ma jiehux beneficcju mid-disposizzjoni testamentarja u li ma jkollu l-ebda sehem mill-wirt, li pprovda espressament li f'kaz ma ssehhx il-kondizzjoni li tissemma fit-Tielet Artikolu ibnu kellu jircievi biss is-sehem rizervat mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu minn qari tar-rikors guramentat hu altru milli evidenti li Virgilio sive Gino Vella, Martina Zerafa, Pawla Mercieca u John Vella huma atturi.

2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni fis-sens li d-disposizzjoni fit-testment li biha t-testatur istitwixxa lill-konvenut Lino Vella bhala wiehed mill-werrieta ghadha bla effett u ghalhekk tillibera lill-konvenut Lino Vella mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Tichad ir-raba' eccezzjoni u tikkundanna lill-konvenuti Mariosa Portelli, Anthony Vella u Loreto sive Lorry Vella sabiex ipoggu lill-attrici fil-pussess tal-legat imholli lilha minn zewgha John Vella bit-testment unica charta li ghamel fis-7 ta' April 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani u cjoe':-

(i) L-uzufrutt generali tal-beni tat-testatur kollha mobbli u immobbli;

(ii) Il-proprjeta' assoluta tad-drittijiet kollha spettanti lilu fuq taxi bil-permess relattiv taghha bin-numru "G mitejn u disa' u tletin (G239)";

(iii) Il-proprjeta' assoluta tal-flus kollha li t-testatur kien jippossjedi fid-data tal-mewt tieghu kemm dawk fi flus kontanti u kif ukoll dawk depozitati f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji ohra;
(iv) Il-proprjeta ta' sehem minn tmienja (1/8) indiviz mill-art retrostanti l-fond numru tnejn u sittin (62), Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex.

4. Tinnomina lin-nutar Paul George Pisani ghal finijiet ta' pubblikazzjoni tal-att ghall-immissjoni fil-pusses, li ghandu jsir nhar l-Erbgha **30 ta' Lulju 2008 fl-10.00 a.m.** fil-bini tal-Qorti jew f'data u lok iehor li tista' tordna l-Qorti wara li jsir rikors minn min jista' jkollu interess. Tinnomina wkoll lill-avukat Dr. Samuel Azzopardi bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u ghal dak kollu li jista' jkun hemm bzonn ghal finijiet tal-immissjoni fil-pussess tal-legat favur l-attrici.

Spejjez ta':-
(i) L-ewwel zewg eccezzjonijiet a karigu tal-konvenuti;

(ii) Lino Vella a karigu tal-atturi;

(iii) L-atturi Virgiglio sive Gino Vella, Martina Zerafa, Pawla Mercieca u John Vella huma a karigu taghhom in kwantu ma kellhomx ghalfejn ikunu atturi fil-kawza in kwantu l-interess li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat hu tal-attrici Concetta Vella. Ghalkemm wiehed jista' jaqbel li bhala werrieta ta' John Vella kienu legittimi kontradittturi semmai messhom gew imharrkin bhala konvenuti ghal kull interess li jista' ghandhom.

(iv) Spejjez tal-kumplament a karigu tal-konvenuti Mariosa Portelli, Anthony Vella, u Loreto sive Lorry Vella. Mill-kopja tal-korrispondenza li giet prezentata l-Qorti m'hijiex sodisfatta li kien hemm xi raguni valida ghalfejn dawn il-konvenuti ma ressqux sabiex l-attrici tigi immessa fil-pussess tal-legat imholli lilha u l-Qorti ma taqbilx li ma kenitx qeghda ssir opposizzjoni min-naha ta' dawn il-konvenuti ghat-talba tal-attrici sabiex issir l-immissjoni fil-

pussess[3]. B'dan li l-ispejjez relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom il-werrieta f'sehem ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Sahansitra fl-10 ta' Gunju 2008 il-konvenuta xehedet: *"Jiena nikkonferma li dawn id-dokumenti ma ffirmajthomx; hadt parir minghand l-Avukat Said u mxejt skond il-parir li nghatajt. Il-parir kien fis-sens illi m'ghandniex niffirmaw ghaliex l-affarijiet mhumiex sew."*. Hekk ukoll fl-affidavit qalet: *"Sal-lum jiena ghadni ma ffirmajtx u dan fuq parir ta' l-avukat illi mill-interpretazzjoni tieghu tat-testment ta' missieri deherlu illi huma ma kellhomx dritt u lanqas ma kellna l-obbligazzjoni niffirmaw*." (fol. 42). Ara wkoll l-ittra legali datata 17 ta' Jannar 2008 (fol. 33) mibghuta wkoll ghan-nom tal-konvenuti Mariosa Portelli, Anthony, u Loreto ahwa Vella. Inoltre, fir-risposta guramentata l-konvenuti kienu qeghdin isostnu li sa dakinhar kienu ghadhom ma accettawx il-wirt ta' missierhom Giovanni Vella.